# 43. Il-Qabda tas-Siċċ

Oh! x'dija w dawl! xi ġmiel u xi sbuħija!
xi skiet, xi frisk, xi sliem! oh! kemm tgawdija!
Il-qamar qiegħed jiddi fuq il-baħar
f'lejla sabiħa.

Għalkemm imbiegħed bogħod bla tarf fis-sema,
il-qamar jinsab ħaj f'kull ħlieq tal-qala,
fil-mewġ, fil-ħut, fl-imħar, fil-blat u l-ħxejjex,
fiċ-ċagħaq u l-alka,

Bidu ta' dawl tal-fidda w ta' sbuħija,
milja ta' flieli sofor ġewwa r-rizzi
u laħam ġol-arzell, bidu ta' mħabba,
namur u żina.

Il-ħutiet xjuħ qagħdu min fuq ir-ramel,
min fuq iċ-ċagħaq, u min f'xifer it-toqob,
u min qalb il-ħaxix igawdu l-qamar,
is-serħ wis-skiet.

Iżda mill-ħut żagħżugħ min seta' jrażżan
il-ġibdiet kbar li niżlu mal-imrieżaq
iserrpu għal ġol-qiegħ, ġibdiet ta' mħabba,
namur u żina?

Dante, missier għażiż, li rajt ir-riefnu
ta' mħabba kbira jsuq l-erwieħ imgħannqa
ta' Paolo u ta' Francesca w igerbibhom
ġewwa l-infern,

U f'qalbek tant ħassejt li wqajt għal tulek
bħal ġisem mejjet, ejja minn ġol-qabar
il-lejla wkoll ħa tara ġrajja ġdida
ta' mħabba w niket!

Is-siċċ żagħżugħ ħareġ iżiġġ u jiber,
ifittex in-namrata f'dawl il-qamar
qalb il-ħaxix, qalb il-bebbux u l-alka,
u qalb il-mewġ.

Ħelwa daqs il-kristall fuq xifer blata
hemm siċċa xbejba qalb il-mewġ tiġġerra
ġo nofs il-qala, w ġibed għal warajha
                    is-siċċ żagħżugħ.

U minnhom ħadd ma lemaħ illi s-siċċa
kienet marbuta minn sajjied, misjuqa
ġo nofs il-qala bħala lixka w seħer
                    għas-siċċ żagħżugħ.

Sebgħin żagħżugħ għamew għal dak is-seħer,
u sebgħin wieħed ġewwa l-kopp inqabdu,
u sebgħin wieħed ġewwa ċ-ċan sfaw mejta
                    tal-frejgatina.

U int, ja qamar, x'inżilt tgħum il-lejla
ġo dawn il-qlub? ma tafx illi l-imħabba
tixgħel il-qlub żagħżugħa w bla ma jridu
                    bin-nar jinħarqu?

*N.B. Il-qarrej għandu jkun jaf illi s-siċċ jinqabad b'dan il-mod: Jaqbsu siċċa mara u jorbtuha bil-ħabel u jġerruha wara frejgatina ġo xi daħla fid-dawl tal-qamar. Is-siċċ jagħmel għas-siċċa u kif jersaq jikkoppjawh.*